**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**(GHAWDEX)**

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tat-Tlieta 5 ta' Jannar 2016

Avviz Nru 35/2015

Nadia Vella

Vs

Joseph Camilleri

It-Tribunal,

Ra' l-avviz illi permezz tieghu l-attrici talbet illi tithallas minghand il-konvenut is-somma ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2300) raprezentanti nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra kurrikulari fir-rigward ta' binhom il-minuri Eric Camilleri. Dan skond ma' l-konvenut huwa tenut li jaghmel in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet datat l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008). Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra' r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa (1) in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal (2) illi hu qatt ma gie kkonsultat dwar l-ispejjes li kienet qed taghmel l-omm fir-rigward tal-minuri (3) t-talba odjerna hija intempestiva ghaliex huwa qatt ma' gie notifikat bl-ircevuti qabel il-kawza u kwindi ma setax jaghmel il-verifiki tieghu; (4) illi bla pregudizzju huwa ma ghandux jaghti l-flus reklamati fit-talba.

Ra' d-dokumenti kollha esebiti b'mod specjali l-ircevuti esebiti kif ukoll il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Sema x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra' l-atti kollha tal-kawza 36/2015 fl-istess ismijiet.

Ra' d-digriet tieghu tad-disgha (9) ta Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi fil-mori ta' din il-kawza l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Illi l-partijiet huma koppja separata li flimkien kellhom tifel uniku. Jidher illi r-relazzjoni bejn il-partijiet hija wahda pessima u per konsegwenza il-pika ma hijiex nieqsa. Li huwa nieqes zgur hu l-kommunikazzjoni bejn il-koppja. Hekk mhux eskluz illi l-omm tiehu decizjonijiet importanti fuq it-tifel minghajr ma tinforma lil missier jew tinformah wara. Min naha tieghu l-missier l-anqas jonqos minn li jsib l-iskuza opportuna biex ma jhallasx dak li hu dovut minnu jew biex itawwal il-hlas.

Din mhix l-ewwel darba li dawn it-tnejn min-nies dehru f'kawzi kontra xulxin quddiem dan it-Tribunal u r-raguni dejjem tkun l-istess wahda. Minkejja r-rakkomandazzjonijiet f'sentenzi mit-Tribunal odjern, jidher illi l-koppja dejjem fittxew li jaghmlu ta' rashom basta jimpikaw flimkien. Dan l-agir igib l-istmerrija ta' dan It-Tribunal li bla tlaqlieq josserva illi l-agir taghhom huwa wiehed immatur u tal-misthija mhux biss vis a vis xulxin, izda aktar vis a vis il-minuri, li hu bla tort u bla htija.

Ma jistax jigi accettat illi l-missier imur isegwi lil ibnu jilghab il-football biex imbaghad jghid li ma jafx li jkun attenda ghal dak it-tahrig partikolari. Min naha l-ohra l-omm ghandha timmodera fl-ispejjes illi jintefqu f'attivitajiet extrakurrikulari per ezempju fit-tahrig tal-football u jekk hemm bzonn tfittex prezzijiet ahjar. Biz-zejjed l-iskola tal-minuri qeghda bi hlas sostanzjali meta hawn skejjel ferm tajba li joffru edukazzjoni bla hlas. Ghalhekk wiehed ghandu jipprova dejjem jimminimizza l-spejjes - haga li ma jidirhx illi l-omm dejjem taghmel.

Min naha l-ohra jidher illi ghal dak li huwa kaz prezenti, l-missier li skond il-konvinzjoni ta' dan it-Tribunal, dejjem kien jaf x'kien qed isir, qatt ma ghamel oggezzjoni formali quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jipprotesta l-kaz tieghu u jitlob decizjoni dwaru jew x'ghandu jsir u ma jsirx. Dan kif ghandu dritt li jaghmel skond il-kuntratt ta' separazzjoni fejn sahansitra hemm nominat medjatur f'kaz ta' nuqqas ta' qbil. Kwindi jidher illi l-missier kien qed dejjem jaghti l-kunsens tacitu tieghu ghal l-attivitajiet mertu ta' din il-kawza.

Wara li gew miflija l-ircevuti prezentati u wara li qies l-oggezzjonijiet tal-konvenut jidher illi dawn l-ircevuti verament thallsu minn l-omm ghal l-iben minuri. Kien hemm oggezzjoni da parti tal-konvenut illi kien sar xi hlas ghal xi parti mill-pretenzjoni ghal mizati ta' l-iskola; izda l-konvenut li eccepixxa l-pagament ma gab l-ebda prova in sostenn ta' l-allegat pagament. Il-pagament dejjem irid jigi pruvat minn min jallegah u

din il-prova l-konvenut ma ghamiliex. Ghal kuntrarju l-attrici pruvat ghas-sodisfazzjon ta’ dan it-Tribunal illi l-hlas pretiz ma kiex jinkludi dak li diga thallas. Il-konvenut sahansitra prova jizvija meta qal illi l-ircevuti ma gewx mghoddija lilu; meta mill-provi prodotti dan it-Tribunal hu konvint illi sahansitra fil-mori tal-proceduri l-konvenut ircieva l-original.

L-ammont ta’ l-ircevuti jammonta ghal € 4741.01 u ghalhekk il-parti li tispetta mill-konvenut hija ta’ € 2370.50. Jirrizulta pero illi t-talba odjerna saret ghal €2300 u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jikkundanna ghal xi somma ulterjuri.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talbiet attrici u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut; jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ elfejn u tlett mitt Ewro (€ 2300). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza l-quddiem. Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

**Kevin Mompalao**

**Gudikatur**

**D/Registratur**